



Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11145/23

ECOFIN 670
UEM 204
SOC 496
EMPL 347
COMPET 691
ENV 770
EDUC 283
RECH 315
ENER 406
JAI 916
GENDER 147
ANTIDISCRIM 141
JEUN 185
SAN 422

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9840/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 615 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Litwanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 615 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-

Kunsill

dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Litwanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiĥ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 tal-Litwanja. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħa il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettati u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti, fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fl-14 ta' Mejju 2021, il-Litwanja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fl-20 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Litwanja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Litwanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggġghet lura.

⁶ ST 10477/2021 INIT; ST 10477/2021 ADD 1.

- (10) Fis-27 ta' April 2023, il-Litwanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023, u fit-28 ta' April 2023 il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Litwanja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għal-Litwanja. Huwa vvaluta l-progress tal-Litwanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Litwanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għal-Litwanja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Litwanja mhijiex qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, dan l-aħħar il-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività tal-prezzijiet, il-bilanċi esterni u l-iżviluppi fil-prezzijiet tad-djar żdiedu, iżda b'mod ġenerali jidher li fil-preżent huma kkontrollati. L-ekonomija kienet affettwata b'mod qawwi mix-xokk tal-prezz tal-enerġija bl-inflazzjoni tiżdied b'rata mgħaġġla; madankollu, il-kompetittività tal-Litwanja hija pproġettata li tirkupra bil-mod hekk kif il-prezzijiet tal-enerġija qed jonqsu. Il-kont kurrenti ddeterjora b'mod sinifikanti fl-2022 minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-importazzjoni tal-enerġija iżda huwa mbassar li jersaq qrib il-bilanċ din is-sena. Għall-ġejjieni, id-defiċits ħfief fil-kont kurrenti mhux ser jikkompromettu s-sostenibbiltà esterna minħabba l-pożizzjoni soda tal-istokk tagħha. Madankollu, il-pressjonijiet minħabba l-inflazzjoni u l-pagi, jekk persistenti, jirriskjaw li jdgħajfu l-kompetittività tal-Litwanja, b'mod partikolari billi l-inflazzjoni bażika hija ferm oġhla mill-medja taż-Żona tal-Euro. Il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod qawwi mill-pandemija, iżda ma hemm l-ebda evidenza ta' sopravvalutazzjoni u l-prezzijiet issa qed jimmoderaw minħabba ż-żidiet fir-rati tal-imgħax u r-reċessjoni ekonomika li għaddejja bħalissa. Barra minn hekk, id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa baxx, u s-settur bankarju huwa kapitalizzat sew, profittabbli ħafna u jirreġistra self improduktiv baxx. It-tfassil tal-politika huwa ġeneralment favorevoli, għalkemm xi politiki jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati r-riskji mill-vulnerabbiltajiet identifikati. F'dan ir-rigward, huma importanti li jibqgħu għaddejjin politiki fiskali u makroprudenzjali kontroċikliċi, li jiġu msaħħa meta jkun meħtieġ. Fl-istess ħin, aktar enfasi fuq it-trawwim tal-kompetizzjoni fis-suq domestiku u l-politiki biex jiżdiedu l-kwalità u l-kwantità tal-provvista tax-xogħol jistgħu jgħinu fil-ġestjoni tal-pressjonijiet minħabba l-prezzijiet u l-ispiża tal-unità lavorattiva.
- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Litwanja naqas minn 1.2 % tal-PDG fl-2021 għal 0.6 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 43.7 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 38.4 % fi tmiem l-2022.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, miżuri tal-politika fiskali bħal dawn li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu kumpensi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għat-tisħin distrettwali għall-unitajiet domestiċi, filwaqt li miżuri bħal dawn li jżidu n-nefqa tal-politika fiskali kienu jinkludu limiti massimi tal-prezzijiet għat-tariffi tal-elettriku għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi u dawk mhux domestiċi u għat-tariffi tal-gass naturali għall-konsumaturi domestiċi, u sussidji lil kumpaniji li joperaw f'setturi affettwati minn prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri hija ta' 1.3 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.3 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.4 % tal-PDG fl-2022, minn 0.6 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Litwanja⁷ żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Litwanja tkompli bit-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Litwanja (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 68).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet restrittiva, b'0.9 % tal-PDG, li kienet xierqa f'kundest ta' inflazzjoni għolja. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Litwanja kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.1 % tal-PDG fl-2022 (1.3 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni newtrali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Il-Litwanja, għalhekk, ippreservat l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovda kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,9 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Għalhekk, il-Litwanja żammet biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.
- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'0.5 % fl-2023 u b'3.0 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta l-istess tkabbir tal-PDG reali ta' 0.5 % fl-2023 u tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 2.7 % fl-2024, prinċipalment minħabba tkabbir ipprojettat relattivament aktar baxx fil-konsum u fl-investment fl-2024.

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment iprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punt perċentwali tal-PDG.

(18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jiżdied għal 2.2 % tal-PDG fl-2023. Iż-żieda fl-2023 tirrifletti prinċipalment miżuri li jżidu l-infiq li għandhom l-għan li jappoġġaw unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx (bħal żidiet fil-benefiċċji soċjali u l-pensjonijiet), kif ukoll stima ta' dħul aktar baxx mit-taxxa u mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (bħala sehem tal-PDG). Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 38.4 % fi tmiem l-2022 għal 37.8 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.7 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit previst fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba proiettazzjoni ogħla ta' dħul mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u proiettazzjonijiet kemxejn aktar baxxi tal-infiq tal-gvern fuq il-konsum intermedju u fuq l-investiment. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 37.1 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal defiċit tal-gvern ipprojettat aktar baxx.

- (19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari, limiti fuq il-prezzijiet għat-tariffi tal-elettriku u tal-gass naturali għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi u mhux tal-unitajiet domestiċi. L-ispiża baġitarja netta tal-miżuri ta' appoġġ hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.7 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'risultat ta' dan, ma hemm l-ebda miżura ta' appoġġ immirata li għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹. L-ispiża baġitarja tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna hija pprojetjata li tibqa' stabbli fl-2023, fil-livell ta' 0.3 % tal-PDG.
- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Litwanja tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹², filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, il-Litwanja għandha tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Ġie rrakkomandat lil-Litwanja wkoll biex tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹⁰ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Litwanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Litwanja (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 120).

¹² Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Litwanja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 14.0 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (-0.8 % tal-PDG), f'kuntast ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi l-pożizzjoni fiskali restrittiva fl-2022 (+0.9 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.4 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 2.0 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punti perċentwali¹³. Għalhekk, il-Litwanja qed tippjana li tiffinanzja investiment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u hija pprojetjata li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-investiment fl-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli lokali, u l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-ħżin tal-elettriku, li ser tiffaċilita l-isforzi tal-Litwanja biex tiskonnettja mill-grilja tal-elettriku, li topera b'mod sinkroniku mas-sistemi Russi u Belarussi. Dawk il-proġetti ta' investimenti huma ffinanzjati parzjalment mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punti perċentwali tal-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 1.7 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tneħħija gradwali tal-miżuri adottati biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 37.7 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.4 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa aktar baxx mill-proporzjon tad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba nefqa tal-gvern aktar baxxa fuq il-konsum intermedju u PDG nominali aktar b'saħħtu. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon anqas tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 36.6 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali ta' kważi l-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija (spiża netta ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024). Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (24) Fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-Litwanja qed tippjana li tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju – bilanċ baġitarju strutturali ta' -1.0 % tal-PDG¹⁴ – fl-2023 u li żżommu matul il-bqija tal-perjodu tal-programm. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2023, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jkun ta' -0.6 % tal-PDG fl-2023 u ta' -0.3 % tal-PDG fl-2024, oġhla mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Il-politika fiskali prudenti fl-2024 ser tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika, li hija ferm oġhla mill-medja taż-Żona tal-Euro, u li tista' twassal għal telf fil-kompetittività jekk dan ikun persistenti.

¹⁴ Il-bilanċ strutturali (bilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u temporanji) ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbulha b'mod komuni jindika defiċit strutturali ta' 0.6 % tal-PDG fl-2023 u 0.2 % fl-2024.

- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali tikber għal 2.7 % fl-2024.
- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, l-investiment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 4.0 % tal-PDG fl-2023 għal 3.9 % tal-PDG fl-2024. L-investiment aktar baxx jirrifletti investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali aktar baxx u investiment iffinanzjat mill-Unjoni.
- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 1.4 % tal-PDG fl-2025 u għal 0.9 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG matul il-perjodu tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jżied minn 37.7 % fi tmiem l-2024 għal 38.6 % sa tmiem l-2026.

(28) Id-dħul mit-taxxa tal-Litwanja bħala sehem mill-PDG huwa ferm inqas mill-medja tal-Unjoni, u jillimita l-finanzjament disponibbli għan-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali u s-servizzi pubbliċi ġenerali. Id-diskrepanza tal-VAT (id-differenza bejn id-dħul mistenni mill-VAT u l-ammont miġbur) għadha waħda mill-ogħla fl-Unjoni, minkejja li l-istimi preliminari juru li din setgħet naqset b'mod sinifikanti fl-2021. Fl-2021, id-dħul mit-taxxi fuq il-proprjetà, li huwa fost it-taxxi l-inqas detrimental għat-*tkabbir*, ammonta biss għal 0.3 % tal-PDG, madwar seba' darbiet inqas mill-medja tal-Unjoni. Il-Litwanja għabret nofs il-medja tal-Unjoni minn taxxi fuq l-introjtu korporattiv (bħala sehem tal-PDG), kellha xi wħud mill-aktar taxxi baxxi fuq it-trasport fl-Unjoni u hija waħda mill-ftit Stati Membri mingħajr taxxa annwali fuq il-karozzi. L-infiq pubbliku fuq il-protezzjoni soċjali żdied fl-2015–2021, iżda għadu ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Dan jissarraf flivelli relattivament baxxi u kopertura limitata tal-benefiċċji soċjali, bil-pensjonijiet tal-irtirar fost l-aktar baxxi fl-Unjoni meta mqabbla mal-introjti tal-impjiegi. In-nefqa fuq is-servizzi pubbliċi ġenerali hija partikolarment baxxa, u tirċievi kważi nofs il-finanzjament (bħala perċentwal tal-PDG) mill-medja tal-Unjoni. Ir-riżorsi finanzjarji inadegwati għall-kura tas-saħħa jirriżultaw fi żminijiet twal ta' stennija u livelli għoljin ta' *ħtiġijiet mhux issodisfati* għall-kura medika, spejjeż għoljin mill-but għall-pazjenti, u l-inabbiltà li jiġu offruti salarji kompetittivi lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Fl-2021–2023, il-Litwanja introduċiet diversi miżuri tan-nefqa permanenti ewlenin (bħal *żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku*, pensjonijiet u benefiċċji soċjali oħra), li mhumie^x akkumpanjati biżżejjed minn miżuri ta' finanzjament korrispondenti, li jista' jkun ta' sfida għas-sostenibbiltà fiskali tal-Litwanja fuq perjodu twil ta' *żmien*.

(29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja tinsab fi stadju avvanzat. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Litwanja ppreżentat l-ewwel talba għal pagament, u l-Kummissjoni adottat valutazzjoni pożittiva għal 31 minn 33 stadju importanti li jkopru sitta mis-seba' komponenti tal-pjan, filwaqt li żewġ stadji importanti relatati mar-riformi tat-taxxa ġew ivvalutati bħala mhux issodisfati b'mod sodisfaċenti. Għalhekk, il-Kummissjoni attivat il-proċedura ta' "sospensjoni tal-pagamenti" li tagħti lil-Litwanja żmien addizzjonali biex tissodisfa dawk l-istadji importanti, filwaqt li rċeviet pagament parzjali ta' EUR 542.3 miljun (nett mill-prefinanzjament) marbut mal-istadji importanti li ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti. Bħala riżultat ta' ċirkostanzi oġġettivi relatati maż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni, u r-restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista minħabba l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Litwanja biħsiebha tippreżenta modifiki għall-pjan, kif ukoll kapitolu REPowerEU biex taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. F'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' Marzu 2023, il-Litwanja esprimiet l-intenzjoni tagħha li titlob EUR 1 800 000 000 ta' appoġġ ta' self addizzjonali bil-Faċilità. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Litwanja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Litwanja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fil-Litwanja.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Litwanja tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mas-sistema tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-akkomodazzjoni soċjali, l-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (32) Ir-riżultati tas-saħħa fil-Litwanja juru waħda mill-aktar stennija tal-għomor baxxa fl-Unjoni. Il-livelli ta' mortalità li tista' tiġi evitata u ttrattata fil-Litwanja għadhom għoljin meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. Il-Litwanja għandha livell għoli ta' ammissjonijiet fl-isptarijiet li jistgħu jiġu evitati u l-ogħla rata ta' mortalità mis-suwiċidju fl-Unjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-effettività tal-kura tas-saħħa u l-ħtieġa għal aktar miżuri preventivi fl-approċċ tal-kura tas-saħħa Litwana. L-isfidi fis-settur tal-kura tas-saħħa huma aggravati minn nuqqas ta' ħaddiema, nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u distribuzzjoni mhux uniformi tal-professjonisti tas-saħħa, li jillimitaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa primarja u l-għoti tagħha. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja jinkludi miżuri sinifikanti bħal riforma li ser tittrasforma n-network tal-isptarijiet u s-servizzi mediċi ta' emerġenza, kif ukoll investiment fl-immodernizzar tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-bini ta' infrastruttura għal ċentri fil-qasam tal-mard infettiv. Ladarba jiġu implimentati, dawk il-miżuri huma mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi ewlenin. Madankollu, lil hinn mill-miżuri inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tissaħħaħ aktar il-kura primarja u tiġi estiża l-kura preventiva, inkluż biex is-sistema tal-kura tas-saħħa ssir aktar reżiljenti.

- (33) L-ippjanar u t-twassil tas-servizzi soċjali huma mxekkla min-nuqqas tal-muniċipalitajiet milli jinvolvu biżżejjed lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-integrazzjoni tal-assistenza soċjali u l-miżuri ta' taħriġ mal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, speċjalment għall-persuni qiegħda, għadha insuffiċjenti. Il-Litwanja kisbet xi progress billi lestiet proġetti pilota f'ċerti muniċipalitajiet dwar il-forniment ta' servizzi integrati għall-persuni qiegħda u nħarġet rakkomandazzjoni lill-muniċipalitajiet kollha biex japplikaw il-metodoloġija ta' dawk il-proġetti fil-programmi ta' promozzjoni tal-impjegi tagħhom mill-2023. Filwaqt li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, l-impatt tiegħu għad irid jiġi osservat u huma meħtieġa aktar sforzi. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi miżuri sinifikanti bħal riforma tal-iskema tal-introjtu minimu u s-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa flimkien maż-żieda fil-kopertura tal-assigurazzjoni tal-qgħad. Dawk il-miżuri huma mistennija jgħinu biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi ewlenin tal-protezzjoni soċjali ladarba jiġu implimentati. Madankollu, lil hinn mill-miżuri inklużi fil-pjan, huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejbu l-ippjanar u t-twassil tas-servizzi soċjali.
- (34) L-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali huwa limitat fil-Litwanja. Madwar 9 700 familja (kważi 19 000 persuna) kienu qed jistennew akkomodazzjoni soċjali fi tmiem l-2022, biż-żmien medju ta' stennija ta' 5.85 snin. Il-kwalità ġenerali tal-akkomodazzjoni soċjali għadha baxxa. Għalkemm il-Litwanja wettqet xi miżuri ta' riforma dwar l-akkomodazzjoni soċjali, inkluż l-introduzzjoni tad-dritt li tingħata prijorità lill-familji b'ġenitur wieħed, iż-żieda tal-limiti tal-introjtu u tal-assi meta tiġi vvalutata l-eliġibbiltà u ż-żieda ta' dispożizzjonijiet speċjali f'każ ta' emerġenza jew kwarantina nazzjonali, bħalissa hemm nuqqas ta' strateġija ġenerali dwar kif jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet kroniċi u tiżdied il-kwalità tal-akkomodazzjoni soċjali.

(35) Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-Litwanja abbandunat b'suċċess l-importazzjonijiet tal-gass, taż-żejt, tal-elettriku u tal-faħam mir-Russja, billi ddirezzjonat mill-ġdid l-importazzjonijiet tal-enerġija permezz tat-terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG, liquefied natural gas) fi Klaipėda, it-terminal taż-żejt fi Būtingė, l-interkonnessjoni tal-gass il-ġdida mal-Polonja, l-interkonnessjoni mtejba mal-Latvja, u l-interkonnessjonijiet tal-elettriku eżistenti mal-Polonja, il-Latvja u l-Iżvezja. Il-konsum tal-gass naturali tal-Litwanja naqas b'41 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁵, l-aktar minħabba t-tnaqqis fid-domanda għall-gass mill-industrija kimika tagħha, bħala riżultat tal-prezzijiet tal-enerġija li dejjem qed jogħlew. Il-Litwanja tista' tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹⁶. Madankollu, il-Litwanja għadha dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet għall-provvista tal-enerġija tagħha. Hija timporta madwar żewġ terzi tal-ħtiġijiet grossi tal-elettriku tagħha u kważi ż-żejt u l-gass kollu tagħha. Barra minn hekk, iż-żejt u l-gass jirrappreżentaw tliet kwarti tat-taħlita tal-enerġija tal-pajjiż.

¹⁵ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

¹⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tiżiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (36) Id-domanda għolja għall-enerġija hija xprunata minn flotta kbira u qadima tat-trasport, bit-trasport pubbliku u l-ferroviji mhux użati biżżejjed, bi stokk kbir ta' bini ineffiċjenti fl-enerġija u b'industriji intensivi ħafna fl-enerġija. L-industrija rrappreżentat 58 % tal-konsum totali tal-gass tal-Litwanja qabel il-kriżi tal-enerġija. Sforzi addizzjonali biex titnaqqas l-intensità enerġetika f'dawk is-setturi permezz tal-promozzjoni tat-trasformazzjoni industrijali, inkluż proċessi ta' produzzjoni innovattivi u l-promozzjoni ulterjuri tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inaqqas d-dipendenza tal-Litwanja fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. L-inċentivi biex jintgħażlu vetturi li jniġġsu anqas għadhom dgħajfa fil-Litwanja, filwaqt li s-sistema tat-trasport pubbliku hija frammentata u tbat i minn nuqqas ta' koordinazzjoni. Għalhekk, il-promozzjoni ta' mezzi ta' trasport li jniġġsu inqas tibqa' prijorità. Fl-istess ħin, ir-rati ta' rinnovazzjoni għall-bini b'aktar minn appartamenti wieħed għadhom baxxi wisq biex jintlaħqu l-miri tan-newtralità klimatika fis-settur sal-2050. Dan juri l-ħtieġa għal proċeduri u inċentivi mtejba għar-rinnovazzjoni u għall-appoġġ tal-kapaċità tas-settur privat li jmexxi proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-Litwanja għadha fost l-aġħar pajjiżi fl-Unjoni f'termini ta' faqar enerġetiku, li jista' jkompli jaggrava f'każ li timmaterjalizza żieda sostnuta oħra fil-prezzijiet tal-enerġija u jekk ir-rinnovazzjoni tkompli għaddejja b'pass kajman.
- (37) In-network tal-elettriku Litwan, bħal dak ta' Stati Membri Baltiċi oħra, jibqa' espost billi huwa sinkronizzat mal-grilja tal-elettriku BRELL. Is-sinkronizzazzjoni reġjonali tal-grilja tal-elettriku mal-bqija tal-Unjoni qed tagħmel progress iżda għad trid titlesta (hija mistennija li titlesta sal-2025). Għal dak il-għan, hija meħtieġa kooperazzjoni mal-Latvja u l-Estonja. Il-Litwanja qed iżżid il-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika; hija ħadet passi biex tissimplifika l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u biex tippromwovi l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li rriżulta f'żidiet kbar fil-kapaċità tal-produzzjoni solari u tar-riħ bejn l-2020 u l-2021. Madankollu, żieda ulterjuri fl-ambizzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u żieda tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika ser tkun meħtieġa biex il-Litwanja tkun konformi mal-oġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %".

- (38) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Mill-2015, ir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala żdiedet fil-biċċa l-kbira tas-setturi ewlenin, bħall-kostruzzjoni (minn 0.8 % għal 1.5 % fl-2021) u l-manifattura (minn 1.4 % għal 1.8 % fl-2021). Madankollu, ir-rata fl-2021 kienet għadha taħt il-medja tal-Unjoni ta' 3.6 % u 1.9 %, rispettivament. F'dawn l-aħħar snin, fil-Litwanja ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema għal 28 impjieg li jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' ħaddiema ġie rrappurtat bħala fattur li llimita l-produzzjoni fl-industrija u l-kostruzzjoni fl-2022.
- (39) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni¹⁷ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

¹⁷ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(40) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għal-Litwanja, ir-Rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2023 u fl-2024 il-Litwanja tieġu azzjoni biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Filwaqt li żżomm pożizzjoni fiskali soda fl-2024, tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi l-investment u r-riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġġha u tippreserva pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Issaħħaħ l-adeqwatezza tal-kura tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali u ttejjeb is-servizzi pubbliċi ġenerali.

2. Tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tiegħu malajr. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Issaħħaħ il-kura primarja u tespandi l-kura preventiva sabiex, fost l-oħrajn, is-sistema tal-kura tas-saħħa ssir aktar reżiljenti. Ittejjeb l-ippjanar u t-twassil tas-servizzi soċjali. Ittejjeb l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali u l-kwalità tagħha.

4. Tkompli tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-enerġija importata billi taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari billi tiżgura kapaċità u aċċess suffiċjenti għall-grilja, tiżgura t-trasformazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali, u żżid l-użu tat-trasport pubbliku u sostenibbli, kif ukoll billi tagħmel il-bini aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija bil-ħsieb li, fost l-oħrajn, tnaqqas il-faqar enerġetiku. Tiżgura kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku sabiex iżżid is-sigurtà tal-provvista, filwaqt li tkompli s-sinkronizzazzjoni f'waqtha mal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
